MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 112/7

It-Tnejn 05 ta' Novembru 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Nil

MISTIEDEN:

Perit Andrè Camenzuli (DPlan Architects)

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

112.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

112.2 Resurfacing ta' Triq iż-Żebbuġa, Triq Sta Katarina, Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa, il-Gudja

112.8 Tmiem tal-laqgħa

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.25pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**112.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

112.1.1 Fil-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat li l-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino u l-Kunsillier is-Sur MA Sammut informaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu. Il-Kunsill qabel li għal kull buon fini tal-proċedura, is-Sur Baldacchino u s-Sur Sammut għandhom jiġu konsidrat bħala skużati u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**112.2.0 Resurfacing ta' Triq iż-Żebbuġa, Triq Sta Katarina, Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa, il-Gudja**

112.2.1 Peress li din kienet laqgħa ta' natura teknika s-Sindku stieden lill-Perit sabiex jispjega pass pass dwar dak meħtieġ u dwar l-importanza li jintgħażel l-materjal li filwaqt li jkun jirrispetta l-ambjent ikun ukoll iservi sewwa u li jkollu ħtieġa ta' manutenzjoni mil-lanqas.

Il-Kunsill għażel il-materjal bil-karatteristiċi u kwalità fuq livell ta' Avorio dell'Etna u Nero Etna, u talab lill-Perit sabiex jipprepara l-BOQs sabiex il-Kunsill joħroġ it-tender fl-aqsar żmien possibbli.

Il-Kunsill talab ukoll sabiex jitlob lill-WSC sabiex jinforma lill-Kunsill dwar spejjeż ta' mains tal-ilma u xogħlijiet oħra sabiex ikollu stampa ċara u globali tal-finanzi meħtieġa.

Il-Kunsill qabel ukoll li fejn ikun possibbli l-Kunsill jikseb finanzjament tal-proġetti mill-fondi tal-Awtorità tal-Ippjanar allokati għal proġetti tal-Kunsilli Lokali skond PA ċirkulari 02/2018.

**112.3 Għeluq tal-Laqgħa**

112.3.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa urġenti ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.35pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv